# ĠIMGĦA TA’ TALB
# GĦALL-GĦAQDA FOST L-INSARA
# 2010

Kummissjoni Ekumenika
Arċidjoċesi ta’ Malta

Jannar 2010

## DAĦLA

Huwa pjaċir tiegħi nippreżenta dan il-ktejjeb ta' għajnuniet pastorali għall-użu waqt il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara, li jiġi ċċelebrat kull sena bejn it-18 u l-25 ta' Jannar. Il-ktejjeb jista' jintuża f'okkażjonijiet oħra fejn l-intenzjoni tat-talb tkun waħda ekumenika.

Dawn l-għajnuniet pastorali tħejjew minn xi wħud mill-membri tal-Kummissjoni Ekumenika Djoċesana: It-Tagħrif Ġenerali u t-Talbiet tal-Komunita' mis-Sur Karm Grima, il-Ħsibijiet għal kull ġurnata minn Dun Lino Azzopardi, u l-Adorazzjoni Ewkaristika minni.

Nittama li dan il-ktejjeb jintuża fil-parroċċi u fi knejjes oħra, fil-gruppi ta' talb, fl-għaqdiet u l-movimenti.

Dun Hector Scerri

President – Kummissjoni Ekumenika

Tel. 25906502

e-mail: ecumenical.commission@maltadiocese.org

# TAGĦRIF ĠENERALI

## Introduzzjoni għat-tema tas-sena 2010

F'dawn l-aħħar mitt sena r-rikonċiljazzjoni bejn l-Insara ħadet forom differenti. Ħafna enerġija ġiet indirizzata lejn riċerka teoloġika li waslet għal xi ftehim dottrinali. Il-koperazzjoni prattika fis-soċjal bejn il-knejjes tat bidu għal inizjattivi li taw il-frott tagħhom, fosthom fil-missjonijiet. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-*World Mission Conference* ta' Edinburgh fl-1910 kienet il-bidu tal-Moviment Ekumeniku.

Storikament u għal raġunijiet prattiċi kienu l-missjunarji ta' denominazzjonijet Insara differenti li ta' spiss kienu jqajmu din il-kwistjoni tan-nuqqas ta' għaqda bejn l-insara stess. Il-firdiet bejn denominazzjonijiet kristjani kienu magħrufin u aċċettati sew fl-Ewropa, imma l-iskandlu ta' diżunita' kien ta' min jistmerru għal dawk il-missjunarji li kienu qed jgħallmu l-Vanġelu lil nies li qatt ma kienu semgħu bi Kristu sa dak iz-zmien. Kif setgħu jiġġustifikaw li "jesportaw" u jgħaddu dawn il-firdiet lil nies li kienu qed jiskopru lil Kristu? Kif setgħu iġegħlu lil ħaddieħor jifhem ir-rikonċiljazzjoni mogħtija minn Ġesu' Kristu jekk dawk li kienu diġa' mgħammdin kienu jinjoraw 'il xulxin jew jiġġieldu bejniethom? Kif setgħu l-insara li

kienu ostili lejn xulxin, jippridkaw Alla wieħed, fidi waħda u magħmudija waħda b'mod kredibbli ?

## 1910 – Il-Konferenza Missjunarja ta' Edinburgh

Il-Konferenza li saret f'Edinburgh fl-1910 attendew għaliha soċjetajiet tal-missjonijiet Protestanti u Anglikani. L-iskop kien li jgħinu lill-missjunarji tagħhom biex bi spirtu komuni jikkoordinaw il-ħidmiet tagħhom. Tħallew barra dawk is-soċjetajiet Protestanti li kienu qed jaħdmu f'artijiet fejn il-Kattoliċi u l-Ortodossi kienu diġa' ilhom attivi għal żmien twil u allura ma kienx l-iskop li jkunu preżenti għal din il-laqgħa. Illum imma, il-Knejjes Insara – ferm aktar qrib xulxin milli kienu mitt sena ilu – ħassew li tkun ħaġa naturali li jistiednu lill-insara Skoċċiżi biex jippreparaw il-Ġimgħa ta' Talb tal-2010, fl-għeluq il-mitt sena mill-Konferenza ta' Edinburgh tal-1910.

## It-Tema biblika: "Intom xhud ta' dan" (Luqa 24:48)

Fil-Moviment Ekumeniku ta' spiss immeditajna l-aħħar diskors ta' Ġesu' qabel ma miet. F'dan it-testment ta' Ġesu', l-importanza tal-għaqda tad-dixxipli ta' Gesu' hi emfasizzata bil-kliem tiegħu stess: "li jkunu lkoll ħaġa waħda...biex hekk id-dinja temmen" (Ġw 17:21).

Din is-sena l-insara tal-Iskozja qed jistednuna biex nisimgħu l-aħħar diskors ta' Gesu' qabel ma tela' s-sema. "Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet, u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm. ***Intom xhud ta' dan***" (Lq 24:46-48). Huwa fuq dawn l-aħħar kelmiet li nistgħu nirriflettu kull jum.

## It-tmint ijiem

Kull sentenza-riflessjoni ta' hawn taħt hija stedina biex naħsbu fuq is-sitwazzjoni tal-firda bejn il-Knejjes u fuq kif konkretament nistgħu nirrimedjawha. Aħna diġa' xhieda u rridu nsiru xhieda aħjar. Kif ?

*L-ewwel jum*: Billi nfaħħru l-Alla Wieħed li jagħtina d-don tal-ħajja u l-qawmien.

*It-tieni jum*: Billi nkunu nafu kif naqsmu l-istorja tal-fidi tagħna ma' ħaddieħor.

*It-tielet jum*: Billi nagħrfu li Alla qed jaħdem fil-ħajja tagħna.

*Ir-raba' jum*: Billi ngħidu grazzi tal-fidi li rċevejna.

*Il-ħames jum*: Billi nagħrfu r-rebħa ta' Kristu fuq it-tbatija kollha.

*Is-sitt jum*: Billi nfittxu li nkunu dejjem fidili għall-Kelma t'Alla.

*Is-seba' jum*: Billi nikbru fil-fidi, it-tama u l-mħabba.

*It-tmien jum*: Billi noffru l-ospitalita' tagħna u nsiru nafu kif nirċevuha meta tiġi offruta lilna.

Jekk aħna *flimkien* nagħtu xhieda, ix-xhieda tagħna ma tkunx aktar fidila lejn il-Evanġelju f'kull wieħed minn dawn l-aspetti?

## TALBIET TAL-KOMUNITA' NISRANIJA

Għinna, O Alla, ħalli nsiru aktar ħaġa waħda sabiex id-dinja temmen. *Ismagħna nitolbuk Mulej.*

O Alla nitolbuk tagħtina l-għajnuna tiegħek biex naħfru lil xulxin mill-passat li firidna u issa nigglorifikawk flimkien bħal aħwa f'Ġesu' Kristu. *Ismagħna...*

Għaziz Alla tagħna, int li int il-Ħallieq ta' kollox, nitolbuk taħdem fil-ħajja tagħna biex l-għaqda bejn il-Knejjes u d-denominazzjonijiet nsara tissaħħaħ aktar ħalli naslu biex insiru ħaġa waħda. *Ismagħna...*

Nitolbu għall-għaqda fost l-imgħammdin kollha. *Ismagħna...*

Nitolbu biex tagħtina l-għajnuna biex inwettqu t-testment tiegħek fl-art, li lkoll nkunu ħaga waħda. *Ismagħna...*

Nitolbu biex nagħrfu ngħixu l-Kelma t'Alla li tgħaqqadna lkoll bħala aħwa fi Kristu. *Ismagħna...*

## ĦSIEB GĦAL KULJUM

L-Ewwel Jum – It-Tnejn 18 ta’ Jannar

***Aħna nkunu xhieda tal-Qawmien mill-mewt ta’ Ġesu’ meta ngħixu l-ħajja ġdida li rebħilna Ġesu’.***

Flimkien mal-insara tal-Knejjes l-oħra, illum qed nagħtu bidu għall-Ġimgħa ta’ Talb għall-Għaqda tal-Insara. Aħna l-insara lkoll nemmnu fil-qawmien ta’ Ġesu’ mill-mewt. Fil-qawmien ta’ Ġesu’ mill-mewt aħna niċċelebraw il-ħajja ġdida li Alla tana meta Ġesu’ rebaħ il-mewt u d-dnub. Diġa’ matul ħajtu, fil-predikazzjoni tiegħu, Ġesu’ kien ħabbar din il-ħajja ġdida. Darba xebbaħ il-ħajja ġdida li rebħilna bil-qawmien tiegħu mill-mewt ma’ inbid ġdid. Ġesu’ jgħid: "Ħadd ma jqiegħed l-inbid il-ġdid f’damiġġani qodma… Iżda inbid ġdid jitqiegħed f’damiġġani ġodda". Mela dak li issa huwa meħtieġ huma damiġġani ġodda – bnedmin ġodda mibdula bil-qawmien ta’ Ġesu’ li lesti jilqgħuh f’ħajjithom u li lesti wkoll jgħadduh lil oħrajn.

Aktar ma aħna l-insara nkunu xhieda tal-ħajja ġdida li hemm fina aktar inkunu xhieda ta’ Ġesu’, aktar Ġesu’ jasal għand dawk il-persuni li ma jafuhx. Aktar ma ngħixu b’mod awtentiku il-ħajja nisranija tagħna aktar inkunu xhieda tal-valuri li jgħallimna Ġesu’ għal ħajja li tixraq lil bniedem. Il-kultura ta’ madwarna hija ta’ spiss kultura ta’ mewt, kultura negattiva. Aħna l-insara, li nixtiequ l-għaqda fil-Knisja,

aħna msejħin biex immorru kontra l-kurrent u niċċelebraw il-ħajja sabiħa u ħielsa li Ġesu' tana bħala rigal u bix-xhieda ta' ħajjitna inwassluha lil kulħadd madwarna.

It-Tieni Jum – It-Tlieta 19 ta' Jannar

***Aħna nkunu xhieda tal-Qawmien mill-mewt ta' Ġesu' meta nintebħu li Ġesu' huwa ħaj fostna.***

Il-fidi nisranija tagħna nistgħu nxebbħuha ma' vjaġġ. Il-fidi mhijiex esperjenza ta' darba imma esperjenza li ngħixuha kuljum. Fid-dinja tagħna ħafna nies jgħixu ħajja mimlija b'ħafna impenji - għandhom wisq x'jagħmlu. B'dan il-mod ma jintebħux bil-preżenza ta' Ġesu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Aktar ma nimlew il-ħajja tagħna b'xogħol u impenji, aktar jikber iċ-ċans li nkunu aljenati mill-preżenza ta' Ġesu' magħna. Meta Ġesu' jkun 'il bogħod mill-ħajja tagħna ta' kuljum isir faċli li naħsbu dwaru bħala xi ħadd li jrid itaqqal il-ħajja tagħna b'ħafna kmandamenti. Imma l-verita' hi li Ġesu' jrid ikun qrib tagħna kuljum, jixtieq jgħix magħna l-esperjenza tal-ħajja ta' kuljum.

Meta Ġesu' jkollu post fil-ħajja tagħna ta' kuljum nindunaw li l-kmandamenti ngħatawlna biex jgħinuna nħobbu lil Alla u biex jgħinuna nħobbu lil xulxin. Meta lil Ġesu' nħallulu post fil-ħajja tagħna ta' kuljum nibdew inħobbu kif Alla jħobb: nibdew inħobbu lil kulħadd. Ġesu' preżenti fil-ħajja

tagħna u fostna bħala komunita jistedinna nieħdu ħsieb xulxin u naħdmu għall-għaqda ta' bejnietna.

It-Tielet Jum – L-Erbgħa 20 ta' Jannar

***Aħna nkunu xhieda tal-Qawmien mill-mewt ta' Ġesu' meta naqsmu bejnietna r-rigali sbieħ li Alla jagħtina.***

Li naqsmu bejnietna r-rigali sbieħ li Alla jagħtina huwa wieħed mill-modi l-aktar qawwija ta' xhieda għal Ġesu'. Meta nisimgħu u nilqgħu lil xulxin b'rispett u b'imħabba aħna niltaqgħu ma' Alla preżenti fil-persuni l-oħra. Ġesu' dejjem fittex li jagħmel il-ġid lill-oħrajn. Ġesu' dejjem fittex li jkun ta' servizz għan-nies fil-bżonn. Huwa, li kellu s-setgħa li jfejjaq mill-mard, qatt ma uża din is-setgħa għal gwadan personali imma biex jgħin lil min kien batut. Anke quddiem dawk li kienu kontrih, ma waqafx juri li Alla jħobbhom.

Ġesu' ġie jsejjaħ lill-midinbin u jurihom it-triq tas-salvazzjoni. Ġesu' għex ħajtu fost nies ta' kull tip u qatt ma skarta lil xi ħadd. Ħajtu kienet rigal għal kulħadd. Matul din il-ġimgħa aħna qed nitolbu għall-għaqda tal-insara; qed nitolbu li, fuq l-eżempju ta' Ġesu', nkunu lesti nilqgħu lil xulxin. Meta nilqgħu lil xulxin u naqsmu ma' xulxin dak li Alla jaħdem fil-ħajja tagħna aħna nikbru fil-fidi u fl-imħabba. Għalkemm differenti ħafna minn xulxin, meta naqsmu bejnietna r-rigali sbieħ li Alla jagħtina, insibu

ruħna flimkien nixhdu għall-imħabba kbira lil Alla għandu għall-bnedmin kollha.

Ir-Raba’ Jum – Il-Ħamis 21 ta’ Jannar (Tifkira ta’ Santa Anjeze)

***Aħna nkunu xhieda tal-Qawmien mill-mewt ta’ Ġesu’ meta ngħixu tajjeb it-tbatijiet li jiġu fuqna.***

L-imħabba u l-ħniena li Ġesu’ kellu għall-morda u l-batuti malajr saru jafu bihom in-nies kollha ta’ pajjiżu. Qalb Ġesu’ kienet tingħafas meta kien jara n-nies mtaqqlin bil-mard. L-Evanġelju jgħidilna li dawk kollha li kellhom xi mard kienu jrossu fuqu biex imissuh. Ġesu’ kien jeħles lin-nies mill-ispirti mniġġsa u mill-jasar tax-xitan. Qalb Ġesu’ kienet tingħafas meta kien jara n-nies jgħixu bla direzzjoni, qishom ngħaġ li m’għandhomx ragħaj. L-imħabba ta’ Ġesu’ hija ħafna akbar mit-tbatijiet li aħna nistgħu ngħaddu minnhom. Huwa jaf x’inhi t-tbatija – għex passjoni kiefra u għadda minn mewt kollha tbatija. Ġesu’ esperjenza anke l-qabar. Dan kollu għexu biex ikun bħalna u magħna fit-tbatijiet tagħna.

Fuq l-eżempju ta’ Ġesu’, l-insara, dixxipli tiegħu, juru solidarjeta’ ma’ dawk li f’ħajjithom għandhom xi tbatija. L-insara, bi kliemhom u b’għemilhom, iridu juru lid-dinja li l-imħabba tirbaħ fuq it-tbatija, li l-imħabba hija aqwa mit-tbatija, anke aqwa mill-mewt. Ġesu’ għadda mill-mewt

għall-qawmien. Il-qawmien tiegħu jiddi bħal xemx fuq il-bnedmin kollha. Il-qawmien tiegħu huwa l-aqwa tama li jista jkollna fit-tbatijiet tagħna. Il-qawmien ta' Ġesu' huwa aħbar ta' ħajja ġdida li aħna l-insara rridu nwasslu lil dawk kollha li madwarna qed ibatu.

Il-Ħames Jum – Il-Ġimgħa 22 ta' Jannar (Tifkira ta' San Publiju)

***Aħna nkunu xhieda tal-Qawmien mill-mewt ta' Ġesu' meta nilqgħu lil xulxin b'imħabba.***

Fl-Atti tal-Appostli, San Luqa jirrakkonta n-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta b'dan il-mod: "Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta. In-nies tagħha ġabu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħala. Laqgħuna tajjeb lilna lkoll u qabbdulna ħuġġieġa, għax kienet bdiet nieżla x-xita u kien il-bard… F'dawk l-inħawi kien hemm l-oqsma tal-prinċep tal-gżira, li kien jismu Publiju. Dan laqagħna u bil-qalb kollha żammna għandu tlett ijiem… Tawna wkoll minn kull xorta ta' ġid u, meta ġejna biex nitilqu, għabbew fuq il-ġifen kull ma konna neħtieġu". Il-Maltin laqgħu lil Pawlu u lil sħabu b'imħabba u ġenerożita. Ma kenux jafu li f'Pawlu kienu qed jilqgħu lil Ġesu'. Imma Alla, li ma jħalli lil ħadd jgħaddih fil-ġenerożita', pattilhom l-imħabba li wrew ma' min kien fil-bżonn bl-aqwa mod: permezz ta' Pawlu għarrafhom lil Ibnu Ġesu'.

In-nisrani li ma jarax lil Ġesu' fil-proxxmu tiegħu jitlef ċans prezzjuż li jħobb lil Ġesu'. Min ma jarax lil Ġesu' f'min hu fil-bżonn diffiċli ħafna jintebah bih f'ċirkustanzi oħra. Matul din il-ġimgħa qed nitolbu għall-għaqda fost dawk kollha li jemmnu f'Ġesu'. Imma l-għaqda sseħħ meta l-ewwel inkunu kapaċi nilqgħu lil xulxin b'imħabba. Jirnexxielna nkunu xhieda kredibbli tal-qawmien ta' Ġesu' u tas-sbuħija tal-ħajja nisranija meta quddiem il-bżonnijiet tal-oħrajn ma nibqgħux indifferenti, imma nkunu ġenerużi u nagħtu minn dak li għandna.

Is-Sitt Jum – Is-Sibt 23 ta' Jannar

***Aħna nkunu xhieda tal-Qawmien mill-mewt ta' Ġesu' meta ngħixu kollna tama u fiduċja f'Ġesu'.***

Matul ħajjitna aħna lkoll ngħixu mumenti ta' dubji – jiġu waqtiet fejn niddubitaw f'kollox u f'kulħadd. F'xi mumenti niddubitaw anke f'Alla: Tgħid Alla jaf minn xiex ninsab għaddej? Tgħid Alla jisma' t-talb tiegħi? L-isfida tagħna l-insara hija li anke fil-mumenti l-aktar diffiċli ngħixu kollna tama u fiduċja f'Ġesu'. In-nies ta' żmienu kienu fehmu li Ġesu' jħobbhom bil-kbir u kienu jfittxuh f'kull ħin. Darba Ġesu' kien għand qrabatu flimkien mad-dixxipli tiegħu u kollox kien lest biex jieklu flimkien. Imma n-nies indunat li kien hemm, u marru jfittxuh. Il-fiduċja tagħhom f'Ġesu' u t-tama li kienu poġġew fih kienu kbar ħafna.

It-tama u l-fiduċja f’Ġesu’ jgħinuna nibqgħu nemmnu anke meta ma jkunx faċli temmen. It-tama u l-fiduċja f’Ġesu’ jgħinuna mmorru lil hinn minn dak li kapaċi nagħmlu bil-ħiliet tagħna, jgħinuna nemmnu f’Alla li jħobb lill-bniedem u huwa ħafna akbar mill-bniedem. Alla jibqa’ dejjem magħna anke meta aħna nitbegħdu minnu. It-talb tagħna għall-għaqda tal-insara juri lid-dinja ta’ madwarna li t-tama u l-fiduċja tagħna huma f’Ġesu’. Ix-xewqa kbira tagħna li sseħħ l-għaqda ta’ dawk kollha li jemmnu f’Ġesu ssaħħaħ t-tama u l-fiduċja tagħna f’Alla li jħobbna u ma jħalli qatt waħidha l-Knisja tiegħu.

Is-Seba’ Jum – Il-Ħadd 24 ta’ Jannar (It-Tielet Ħadd ta’ Matul is-Sena)

***Aħna nkunu xhieda tal-Qawmien mill-mewt ta’ Ġesu’ meta nkunu fidili lejn il-Kelma ta’ Alla.***

Aħna l-insara niltaqgħu mal-Kelma ta’ Alla meta naqraw il-Bibbja u meta niċċelebraw is-Sagramenti. Meta nassistu għax-xandir tal-Kelma ta’ Alla u meta naqraw il-Bibbja, moħħna u qalbna jinfetħu għall-Kelma tiegħu. Ġesu’ wiegħed l-Ispirtu s-Santu lid-dixxipli tiegħu biex jgħinhom jifhmu l-Kelma ta’ Alla u jgħixuha. Issa, matul l-istorja, l-insara ġie li nfirdu bejniethom minħabba l-Kelma ta’ Alla. Kien hemm żmien fejn il-Kelma ta’ Alla serviet biex nisħqu dwar il-firda ta’ bejnietna aktar milli biex ningħaqdu

flimkien. Fortunatament, f'dan l-aħħar żmien, meta bdejna nfittxu li nkunu magħqudin bejnietna, il-Kelma ta' Alla għenietna biex nersqu lejn xulxin u nibdew nirbħu l-firda.

Dawn il-ġranet ta' talb għall-għaqda tal-insara li qed niċċelebraw flimkien huma ġranet li fihom ilkoll flimkien qed infittxu li nisimgħu l-Kelma ta' Alla, nifhmuha u ngħixuha fil-ħajja tagħna. Meta taqa' fuq art tajba, l-Kelma ta' Alla dejjem tħalli ħafna frott, dejjem twettaq dak li Alla jkun bagħatha tagħmel. Meta ngħixu l-Kelma ta' Alla aħna nkunu preparati għal kull ħidma li Alla jkun irid mingħandna. Matul din il-ġimgħa nitolbu biex aħna ninżlu fil-fond ta' dak li Alla jrid jgħidilna permezz tal-Kelma tiegħu. Nitolbu l-Ispirtu s-Santu jgħinna nifhmu aħjar il-Kelma ta' Alla u jmexxi l-mixja tal-fidi tagħna sakemm flimkien naslu li nkunu lkoll madwar il-mejda ta' Ġesu'.

It-Tmien Jum – It-Tnejn 25 ta' Jannar (Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl)

***Aħna nkunu xhieda tal-Qawmien mill-mewt ta' Ġesu' meta ngħixu u niċċelebraw il-Fidi li rċevejna mingħand l-Appostlu San Pawl.***

Għandna nkunu tassew grati lejn dawk li permezz tal-fidi u x-xhieda tagħhom poġġew il-pedamenti tal-fidi nisranija li aħna qed ngħixu llum. L-ewwel wieħed kien San Pawl li, ftit snin wara l-qawmien ta' Ġesu, xandrilna lil Ġesu' u r-

rebħa tiegħu fuq id-dnub u l-mewt. San Pawl għallimna nħobbu lil Ġesu' u ngħixu għalih. Wara San Pawl ġew ħafna oħrajn, nisa u rġiel, li bit-talb tagħhom u bix-xhieda ta' ħajjithom żguraw li l-fidi nisranija tibqa' għaddejja minn ġenerazzjoni għal oħra. Illum aħna nsara għax matul is-sekli ħafna nisa u rġiel obdew il-kmand ta' Ġesu' u marru fid-dinja kollha jxandru l-Bxara t-Tajba u jiċċelebraw il-kobor u s-sbuħija tal-fidi nisranija. Il-festa tal-lum tistedinna biex nirringrazzjaw lil Alla tar-rigal kbir tal-fidi nisranija li nħaddnu.

Il-festa tal-lum tistedinna wkoll ngħixu b'impenn din il-fidi hekk li ngħadduha lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Jekk aħna ma ngħixux il-fidi tagħna, din tmut u l-ġenerazzjonijiet futuri ma jkollhomx iċ-ċans li bħalna jduqu t-tjubija u l-kobor tal-imħabba ta' Alla għalina f'Ibnu Ġesu'. Illum tintemm il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda tal-Insara, imma l-impenn tagħna ma jridx jieqaf hawn. Irridu nkomplu nitolbu u fuq kollox rridu nikbru fl-imħabba għal xulxin. L-għaqda li Ġesu' jrid fil-Knisja tiegħu u li aħna tant nixtiequ, tinbena fuq l-imħabba. L-għaqda sseħħ jekk aħna ma niqfux fid-differenzi ta' bejnietna imma nfittxu li negħlbu d-differenzi bl-imħabba.

# Adorazzjoni Animata
## waqt il-Ġimgħa ta' Talb Għall-Għaqda fost l-Insara

Espożizzjoni: Kant ta' Innu Ewkaristiku

Ħsieb 1: Introduzzjoni

Ħuti għeżież, inġbarna hawnhekk illum quddiem Ġesu' Ewkaristija biex nitolbu għal intenzjoni speċjali ħafna. Ninsabu waqt il-Ġimgħa ta' Talb li jsir mad-dinja kollha għall-Għaqda fost l-Insara. Kull sena, bejn it-18 ta' Jannar u l-25 ta' Jannar, Festa tal-Konverżjoni tal-Appostlu tal-Ġnus, San Pawl, issir din il-ġimgħa ta' talb intensiv mill-insara biex jingħelbu l-firdiet bejn il-Knejjes u d-denominazzjonijiet insara differenti. Sfortunatament, tul il-medda tas-sekli, il-Knisja għaddiet minn bosta firdiet. Biżżejjed insemmu l-firda tal-Ortodossi fis-Seklu Ħdax, u aktar tard, il-firda tal-Protestanti, fis-Seklu Sittax.

L-għan tagħna, illum, huwa li nitolbu biex il-ħidma ekumenika li ssir mill-Insara tħalli frott li jidher. Matul din il-ġimgħa, u drabi oħra matul is-sena kollha, ħafna huma l-Insara li jinġabru flimkien sabiex jitolbu għall-għaqda.

Ġesu’ stess, lejlet il-Passjoni tiegħu, talab bil-ħerqa lill-Missier: “Nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni” (Ġw 17,21).

*Pawsa ta’ adorazzjoni fis-skiet*

Qari 1

Wieħed mill-iqsar salmi huwa Salm 133. Huwa għanja li kienu jkantaw il-Lhud huma u resqin lejn Ġerusalemm, waqt il-pelegrinaġġi tagħhom. Għandna hawnhekk tifħir lill-imħabba tal-aħwa. Filwaqt li nkomplu ngawdu l-preżenza tal-Mulej, ejjew induqu wkoll il-benna ta’ dan is-salm. Ejjew nisimgħuh tajjeb.

*Salm 133*

Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa,

li l-aħwa jgħammru flimkien!

Bħal żejt mill-aħjar imsawwab fuq ir-ras,

li jinżel mal-leħja tiegħu,

li jinżel mal-leħja ta’ Aron,

sa fuq l-għonq ta’ ħwejġu.

Hu bħan-nida tal-Ħermon,

li tinżel fuq l-għoljiet ta’ Sijon;

għax hemm il-Mulej jagħti l-barka,

hemm jagħti ħajja għal dejjem.

Ħsieb 2

It-tema li ntgħażlet għal din is-sena mill-Vatikan u mill-Kunsill Dinji tal-Knejjes hija l-kliem ta’ Kristu Rxoxt lill-Appostli fiċ-Ċenaklu: “Intom xhud ta’ dan” (Lq 24:48). Meta napplikaw dan il-kliem għall-għan tat-talb li qed isir matul din il-ġimgħa ekumenika, malajr nintebħu li l-Mulej Ġesu’ jrid li aħna l-Insara – kemm jekk Kattoliċi bħalna, kemm jekk Ortodossi, jew Anglikani, jew Luterani – nagħmlu minn kollox biex nersqu aktar lejn xulxin, u biex flimkien nagħtu xhieda tal-Aħbar it-Tajba li ġabilna Kristu bit-tagħlim u l-mirakli tiegħu, kif ukoll bil-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu. Ejjew issa nisimgħu s-silta mill-Evanġelju skont San Luqa minn fejn ittieħdet it-tema.

Qari 2

Għeluq tal-Evanġelju skont San Luqa (Lq 24,36-53)

Kif kienu għadhom jitkellmu (dwar id-dehra ta’ Ġesu’ liż-żewġ dixxipli li ġew lura Ġerusalemm minn Għemmaws), Ġesù nnifsu waqaf f'nofshom u qalilhom: "Is-sliem għalikom !" Huma twerwru bil-biża' għax ħasbu li qegħdin jaraw xi fantażma. Iżda hu qalilhom: "Għaliex tħawwadtu? Għaliex dan it-tħassib kollu f'qalbkom? Araw idejja u riġlejja. Jiena hu! Missuni, u ifhmuha li l-ispirtu ma għandux laħam u għadam bħalma qegħdin taraw li għandi jien." Huwa u jgħidilhom dan, uriehom idejh u riġlejh. Iżda billi huma, fil-ferħ tagħhom, kienu għadhom ma jridux jemmnu u baqgħu mistagħġba, qalilhom: "Għandkom xi ħaġa ta' l-ikel hawn?" Huma ressqulu quddiemu biċċa ħuta mixwija, u hu ħadha u kielha quddiemhom. Mbagħad qalilhom: "Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet, 'Jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi.'" Mbagħad fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura. U qalilhom: "Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum

iqum mill-imwiet, u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm. ***Intom xhud ta' dan***. U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu."

Mbagħad ħadhom sa ħdejn Betanja, u rafa' idejh u berikhom. U ġara li, huwa u jberikhom, nfired minnhom u kien meħud fis-sema. Huma nxteħtu fl-art jagħtuh qima, u mimlijin b'ferħ kbir reġgħu lura lejn Ġerusalemm, u qagħdu l-ħin kollu fit-tempju jbierku lil Alla.

*Il-Kelma tal-Mulej.*

*Tifħir lilek Kristu.*

*Ftit mumenti ta' riflessjoni fis-skiet*

Ħsieb 3

Fis-silta li tħabbritilna mill-Evanġelju, smajna dwar waħda mill-esperjenzi tal-Appostli meta ltaqgħu ma' Ġesu' Rxoxt. Rajna l-biża' tagħhom, id-dubji li għaddew minnhom, kif ukoll il-passaġġ għal fidi aktar sħiħa u matura. Ġesu'

jfissrilhom dak li hu għadda minnu matul il-missjoni tiegħu u l-passjoni tiegħu. Jgħidilhom : "Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet, u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm".

Ninsabu hawn quddiemek, Mulej Ġesu' fis-sagrament tal-Ewkaristija, li huwa t-tifkira ħajja tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien tiegħek. Dan huwa s-Sagrament tal-Għid il-Kbir. Bħala nsara, Inti tridna nxandru din l-Aħbar it-Tajba. Inti għidt lill-Appostli : "Intom xhud ta' dan". Kbira hi r-responsabilta' tagħna! Ix-xhieda tagħna tista' tkun aktar qawwija kemm-il darba aħna nkunu aktar magħqudin bejnietna. Ejjew nitolbu li aħna l-Kattoliċi nersqu aktar lejn insara oħra. Ejjew nitolbu għall-għaqda fostna biex ix-xhieda tagħna tkun aktar awtentika.

*Pawsa fis-skiet*

Qari 3 – Salm Responsorjali (*Salm 138*)

Ejjew, issa nkomplu t-talb tagħna billi ningħaqdu mas-Sultan David li spiss kien jieqaf jitlob bil-qalb lill-Mulej. Bejn vers u ieħor tas-Salm 138, ngħidu flimkien: *Mulej, kattar l-qawwa f'ruħna*.

Inroddlok ħajr, Mulej, b’qalbi kollha,

għaliex int smajt kmiem fommi.

Quddiem l-allat irrid ngħannilek.

R.

B’wiċċi fl-art ninxteħet quddiem is-santwarju tiegħek,

u nroddlok ħajr għat-tjieba u l-fedelta’ tiegħek,

għax int kabbart ismek u kelmtek fuq kollox.

Meta sejjaħtlek, int weġibtni,

kattarli l-qawwa f’ruħi.

R.

Iroddulek ħajr, Mulej, is-slaten kollha tal-art,

għaliex semgħu l-kliem ta’ fommok.

U jgħannu l-imġiba tal-Mulej,

għax kbir hu sebħ il-Mulej.

Kbir il-Mulej, imma jieħu ħsieb iż-żgħar;

u, għalkemm fl-għoli, jagħraf mill-bogħod.

R.

Jekk insib ruħi fl-għali, inti tħarisli ħajti.

Il-Mulej iżomm kelmtu miegħi.

It-tjieba tiegħek, Mulej, tibqa' għal dejjem;

la titlaqx għemil idejk!

R.

*Talbiet tal-Komunita'*

Mulej, niżżik ħajr tal-grazzji kollha li inti ssawwab fuqna. Niżżuk ħajr ta' dan il-ħin li għaddejna f'adorazzjoni quddiemek, u ta' dak kollu li tlabna fil-fond ta' qalbna. Issa, se nagħmlu xi talbiet komunitarji.

*Jintużaw it-Talbiet li hemm f'parti oħra tal-ktejjeb*